

# VITOR VELLA
*Ħajtu u Ħidmietu*

Matul ix-xahar ta' Marzu ta' din is-sena ħareġ il-ktieb li jismu Vitor Vella, "Ħajtu u Ħidmietu". Dan il-ktieb ippublikah in-nepputi tiegħu is-sur Victor Vella Muscat. Iżda b'xorti xejn feliċi, Victor ma rax id-dawl ta' din il-publikazzjoni tant interessanti u bżojnuża għalina l-Għawdxin, għaliex il-Mulej sejjaħlu għal għandu. Fost il-ħafna u ħafna tagħrif li jdomm fih dan il-ktieb, hemm żewġ taqsimiet li jitrattaw dwar ir-raħal tagħna ta' Sannat. Dan it- tagħrif Victor b'tant paċenzja u sabar ġabar minn fomm bosta nies minn ta' Sannat stess, kif jixdhu in-noti ta' hawn taħt.

Jiena deherli li dan il-materjal sewwa li jkunu jafu bih aktar u aktar nies. Propju għalhekk li qed nippublika dik it-taqsima li tittratta dwar raħalna ta' Sannat. Għalhekk dejjem bil-permess ta' ulied Victor, mela Patricia, Roberta u Astrid qed nippublika dan il-materjal. Għal aktar tagħrif sewwa li wieħed jixtri dan il-ktieb utli li jismu "Vitor Vella", Ħajtu u Ħidmietu, Gozo Press 2009. It-taqsima li se nittrattaw is-sena hija dwar ta' Sannat u l-Qniepen

**L-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar**
Waqt żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar[1] f'ta' Sannat (1926-1950), nibtet f'moħħu x-xewqa li l-knisja tkun mgħammra b'sett ta' qniepen aħjar minn dawk li kien hemm, li kienu saru f'diversi żminijiet u minn funditure differenti. Għaldaqstant fil-bidu tal-1932 beda jaħseb biex jiġbor il-fondi meħtieġa biex dan il-ħsieb tiegħu jkun jista' jseħħ. F'Settembru tal-istess sena huwa għamel l-ordni finali għax-xiri ta' dawn il-qniepen ġodda lill-fonderija *Taljana Fratelli* Barigozzi ta' Milan.

**Dettalji dwar il-qniepen**
Is-sett ordnat kien kompost minn ħames qniepen. Il-qampiena l-Kbira tiżen madwar 44 il-qantar (3390 kg) u għandna dijametru ta' 1.7 metri. It-tieni waħda tar-Rabat tiżen mat-22 qantar (1745 kg). It-tielet qanpiena tal-quddies tiżen madwar 11-il qantar (910kg) u r-raba' waħda tal-Agunija mas-sitt qnatar (475kg). Iż-Żgħira tiżen mat-3 qnatar (235 kg)[2].
Il-qniepen waslu Malta f'Novembru, 1932, u matul il-ġimgħa ta' wara nġiebu Għawdex fuq barkun minn Nikola Grima (Koli tas-Soru). Jilqgħuhom ix-Xatt kien hemm, barra poplu sħiħ, gaj irġiel Sannatin taħt it-tmexxija ta' Ġużeppi Vella (il-Bulgariż) li kienu lesti biex iniżżlu l-qniepen minn fuq il-barkun għal fuq l-art. Fost dawn in-nies kien hemm ukoll l-imgħallem bejjen Vitor Vella, li kien ġie inkarigat mill-Arċipriet Cassar biex itellagħhom fil-kampnari rispettivi tagħhom.

**L-Imgħallem Vitor Vella**
Fiż-żmien li l-Arċipriet Cassar għamel l-ordni għall-qniepen il-ġodda, Vitor kien qed jibni is-santwarju ta' Pinu. Xi ġranet qabel il-wasla tal-qniepen il-ġodda, huwa ġie ta' Sannat u ġab miegħu gaj ta' ħaddiema, li l-parti l-kbira minnhom kienu mill-Għasri u ż-Żebbuġ. Huwa kien ġie biex l-ewwelnett iniżżel il-qniepen il-qodma; it-tieni biex jagħmel it-tiswijiet li kien hemm bżonn fil-



Il-Qniepen il-ġodda - Novembru 1932

kampnari u fl-aħħarnett biex jarma ħalli jkun jista' jtella' l-qniepen. Miegħu ġab ukoll l-armar u l-għodda kollha meħtieġa, inklużi xi taljoli, buzzelli u pastiega[3] li kienu ngiebu minn Malta mingħand il-militar.
Vitor rama kollox hu. Wara li dar dawra sew il-kampnari, għamel it-tiswijiet meħtieġa u biddel ukoll xi ċnagen. Imbagħad beda' jaħseb biex jipprepara l-armar fejn kellhom jitpoġġew il-qniepen sakemm jiġu mbierka. L-ewwel ma għamel kien li għamel feta fuq wara tal-pilastri tal-arloġġ tan-naġa ta' Ċenċ billi qala' kantun minn wara dan il-pilastru. Wara bena pilastru temporanju tal-ġebel iktar lejn nofsinhar taz-zuntier, f'dik in-naħa li tiġi fuq dan il-ġenb tal-lvant tal-knisja. Imbagħad daħħal tarf ta' travu tal-ħadid fil-fetħa msemmija qabel u poġġa t-tarf l-ieħor fuq il-pilastru tal-ġebel ġa mibni minnu temporanjament. Hekk il-qniepen setgħu jiddendlu liberament mat-travu u jitbierku fil-kumdità. Il-fetħa smemmija qabel wieħed għadu jista' jaraha sa llum. Għal dan ix-xogħol kollu tiegħu u tal-ħaddiema tiegħu, Vitor tħallas is-somma ta £3-1s8d (euro7.18)[4].



*Ritratt li għandha aktar minn 100 sena.*
*Il-koppla għada mhix hemm.*

**It-Tlugħ tal-Qniepen**

Hekk kif il-qniepen waslu fil-pjazza tal-knisja Vitor ħa ħsieb idendilhom mal-armar apposta li kien ipprepara minn qabel u ħalliehom hemm sabiex ikunu jistgħu jitgawdew mill-poplu. Il-Ħadd ta' wara, 22 ta' Novembru, 1932, il-qniepen tbierku u ġew ikkonsagrati mill-Isqof Djoċesan Mons Mikiel Gonzi. Matul iċ-ċerimonja għamlet xita bil-qliel u l-isqof kellu iktar minn darba jidħol jistkenn fil-knisja sakemm ix-xita tbatti xi ftit, u spiċċa jikkonsagrahom taħt umbrella.
Il-qniepen ittellgħu fil-kampnari rispettivi tagħhom matul il-granet tal-ġimgħa ta' wara. Billi x-xita kompliet matul din il-ġimgħa, ma ttellgħux f'ġurnata waħda imma kull meta t-temp kien jippermetti. Waqt it-tlugħ tal-qniepen Vitor kien ikun fuq il-kampnari biex jarahom telgħin u jagħti dawk id-direttivi li jkun hemm bżonn.
Qabel ma ttellgħu l-qniepen, Vitor dawwar il-widnejn tagħhom bil-wajers biex l-irbit u t-tiġbid ma jikkawżaw ebda ħsara. Il-qniepen ittellgħu f'posthom bis-saħħa tad-dirgħajn u tal-bhejjem; dak iż-żmien kien għad ma hawnx krejnijet u muturi biex jgħinu f'dan it-tip ta' xogħol. Pawlu Buttiġieġ (Is-Sur Pawl) tela' mal-kbira waqt li kienu jtellgħuha. X'ħin waslet fuq ġiet mill-ewwel imdaħħla fil-kampnar mingħajr ebda nkwiet peress li l-kampnari tal-knisja ta ' Sannat huwa wiesgħa biżżejjed (iktar minn 1.7 metri) biex jippermettu li dan seta' jitwettaq mingħajr ma jsir tiċrit fil-pilastri. Din tpoġġiet weħidha fil-kampnar tal-lvant. L-erba' qniepen l-oħra tqiegħdu kollha fil-kampnar tal-punent; it-tieni tħares lejn ir-Rabat, it-tielet iddendlet faċċata ta' Xaman, ir-Raba' ddendlet tħares lejn in-nofsinhar fil waqt li ż-Żgħira ddendlet fuq wara faċċatra tal-lvant[5].
Tal-intrigu tiegħu fit-tlugħ tal-qniepen fil-kampnar Vitor ġie imħallas 16s 0d (1.86 eoro ta 4 tijiem xogħol[6].

---

1 Dun G. Cassar twieled ir-Rabat Għawdex fis-27 ta' Awissu 1885. Kien ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 911. Mill-1920 sal-1926 kien kappillan tal-parroċċa tal-Qala. Ħu miet ta' Sannat fid-29 ta' Jannar 1950.
2 Joseph Bezzina Sannat fi Grajjet Ghawdex - Gozo 1989 pag 435. Hajr ukoll li Guzepp Sciberras ta' Majs minn ta' Sannat tal-informazzjoni.
3 Pastiega hi għamla ta' buzzll imdaqqas bit-taljoli, magħmuin fi speċi ta' kaxxa, generalment ovali, biex-xuq fil-gnieb mnejn jidħlu u jkunu jistgħu jiġġerrew il-ħbula. Ara E, Seracino Inglorr - Il-Miklem Malti, Vol VII, pag 35.
4 APS - Libro Esito dela Chiesa Parrocchiale di Casal Sannat, Conti Originali (1920-1953) Vol 23, fol 398.
5 Tagħrif mogħti lili bil-fomm minn Gużepp Sciberras (Ta' Majs) minn Sannat.
6 APS - bro Esito della Chiesa Parrocchiale di Casal Sannat - Conti Originali (1920-1953). Vol 23, fol 398.